# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Hamis erbgha u ghoxrin (24) taʼ Novembru 2016**

**Rikors Numru 395/13 FDP**

**Franco Mercieca**
**(ID 8367G)**

**vs**

**Roderick James Agius (ID 77673M) bhala editur tal-gurnal 'Il-Mument'**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit-23 ta' Dicembru 2013 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghall-artikolu ili deher fil-gazzetta '**Il-Mument**' il-Hadd, 15 ta' Dicembru 2013, intitolat '*Franco Mercieca jisfida u jibqa ghaddej bil-prattika privata*', talab lill-Qorti tiddikjara illi tali artikolu kien libelluz u malafamanti fi-konfornt tar-rikorrenti u ghalhekk tikkundanna lill-istess intimat ihallas lir-rikorrenti danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikolu malafamanti meritu tal-kawza odjerna esebit mir-rikorrenti, li giet rappurtata fuq il-faccata tal-Mument, b'ritratt ta' plakka li turi ismijiet ta' varji tobba li jservu gewwa spizerija f'Ghawdex, fuq liema plakka hemm ukoll isem r-rikorrent, flimkien ma' ritratt ta' l-istess spizerija fejn tinstab tali plakka u ritratt tar-rikorrenti. Fuq ir-ritratt hemm it-titolu tal-artikolu, bi tipa kbira, '***Franco Mercieca jisfida u jibqa ghaddej bil-prattika privata***' u taht il-kliem:

> *"Is-Segretarju Parlamentari Franco Meercieca jikser il-weghda u jibqa jisfida l-kelma li ta' lill-Prim Ministru Joseph Muscat billi jibqa jirreklama l-prattika privata. Ir-ritratt mehud fl-ahhar gimghat ta' Novembru li ghadda, sa tmiem din il-gimgha kien ghadu juri li fi spizerija privata f'Ghawdex franco Mercieca ghadu jirreklama biex jara l-pazjenti fil-privat bi ksur tal-Kodici tal-Etika."*

L-artikolu jidher ikompli fis-sebgha pagna ta' l-istess gazzetta fejn jinghad is-segwenti:

*"il-Mument llum qieghed jippubblika ritratt li juri b'mod sfaccat kif is-Segretarju Parlamntari Franco Mercieca qieghed jirreklama l-professjoni tieghu ghal servizz fi klinika ta' spizerija privata f'Ghawdex.*

*Ir-ritratt ittiehed fl-ahhar gimgha ta' Novembru li ghadda u sa tmiem din il-gimgha kien ghadu mwahhal mal-vetrina tal-ispizerija. L-avviz jikkonferma kif fost il-professjonisti li jaccettaw appuntamenti f'din l-ispizerija fir-Rabat, Ghawdex hemm is-Segretarju Parlamentari Franco Mercieca. It-tabella tindika b'mod car li fost dawk li qieghdin jaghtu s-servizz taghhom ghall-kura tal-ghajnejn hemm 'il konsulent tal-oftalmologija Mr Franco Mercieca.*

*Ghal dawn l-ahhar ftit xhur u gimghat, is-Segretarju Parlamentari Franco Mercieca kien qieghed jaghti rendikont fil-gazzetta tal-Genersal Workers' Union tal-ghexieren ta' pazjenti li kien qieghed jara fl-Isptar Mater Dei u fl-Isptar Generali ta' Ghawdex bi ksur tal-Kodici tal-Etika tal-Ministri. Madanakollu, hu qatt ma semma li kien qed ikun dispost billi jirreklama s-servizzi professjonali tieghu f'mill-inqas klinika privata wahda, dik fir-Rabat, Ghawdex.*

*Fil-11 ta' Gunju li ghadda* (2013), *is-Segretarju Parlamentari Franco Mercieca kien ta' kelma lill-Prim Ministru Joseph Muscat li kien ser jkun qieghed jieqaf ghal kollox mill-prattika privata. Dan wara li kien zvelat, inkluz minn din il-gazzetta, li s-Segretarju Parlamentari Franco Mercieca kien qieghed jara l-pazjenti billi joffri servizzi ta' konsulta' u jmexxi operazzjonijiet fi sptar privat u fi klinici privati bi ksur tal-Kodici tal-Etika li jirregolaw l-imgieba tal-Ministru u tas-Segretarji Parlamentari.*

*Madanakollu, sitt xhur wara, Franco Mercieca rega nqabad minn din il-gazzetta, mhux biss jikser il-Kodici tal-Etika, izda wkoll jikser il-ftehim li ghandu mal-Prim Ministru billi jirreklama s-servizz professjonali fi spizerija privata f'Ghawdex. Dan minkejja li hu stess kien iddikjara f'Gunju li ghadda li kien se jtemm il-prattika privata sal-bidu ta' Settembru* (2013) *li ghadda. Madanakollu, ghaddew kwazi tlett xhur u Franco Mercieca xorta baqa' jirreklama biex jara l-pazjenti fi klinika ta' spizerija privata meta sitt xhur ilu ta' kelma lill-Prim Ministru li kien se jieqaf mill-prattika privata.*

*Fl-ahhar gimghat intbghatu sensiela ta' mistoqsijiet lil Franco Mercieca minn il-Mument li, minn naha tieghu, baqa' jaghzel li ma jwegibx."*

L-artikolu imbghad ikompli, f'kaxxa separata, biex juri d-domandi illu saru lill-istess rikorrent, illi kienu s-segwenti:

- *Fil prattika ta' oftamologista, kemm kont tithallas ta' kull operazzjoni u kull konsulta' li kont taghmel?*
- *Fejn ghadek taqdi n-nies bhala tabib?*
- *U kull meta?*
- *Ma tahsibx li qed tikser il-Kodici tal-Etika?*
- *Jekk le, ghaliex?*
- *Ghaliex ma tlaqtx mill-professjoni medika u ma ddedikajtx il-hin kollu ghall-politika u ghax-xoghol tal-Gvern kif mitlub minnek bhala Segretarju Parlamentari skond il-Kodici tal-Etika?*

Rat l-eccezzjonijiet ta' l-intimat ippresentati fit 22 ta' Jannar 2014 fejn eccepixxa illi ma kien hemm xejn libelluz u malafamanti fl-artikolu, liema artikolu ma kellux l-iskop illi jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorrenti filwaqt illi insista illi l-artikolu jikkonsisti biss f'fatti verifikabbli u kummenti dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku li, ghalhekk, jikkonsistu f'fair comment u kritika accettabbli f'socjeta demokratika, li hija protetta mill-Kostituzzjoni ta' Malta w il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Semghet ix-xhieda ta' **Joseph Grech**, oftamologu u sid l-hanut '***Joseph Dispensing Opticians***' li jinsab gewwa r-Rabat, Ghawdex u li tieghu gie ppubblikat ritratt mill-intimati, liema xhieda inghatat fil 5 ta' Mejju 2014.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent **Franco Mercieca**, moghtija fid 9 ta' Gunju 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Ra illi fis 17 ta' Novembru 2014 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet l-kontro ezami tar-rikorrenti Franco Mercieca illi saret fit-12 ta' Marzu 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Ranier Farrugia**, Managing Pharmacist ta' ***Mario Dispensary Opticians***, li jinsab gewwa r-Rabat, Ghawdex, prodott mill-intimat u moghtija fit 30 ta' April 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Keith Camilleri,** li jiehu hsieb il-hanut ***K-Optics*** li jinsab gewwa r-Rabat, Ghawdex, moghtija fid 19 ta' Ottubru 2015.

Ra illi fit 18 ta' April 2016 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Ra is-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrent ippresentati fl-14 ta' Lulju 2016.

Ra is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-intimat ippresentati fis 17 ta' Ottubru 2016.

Ra illi fis 27 ta' Ottubru 2016 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi fil-15 ta' Dicembru 2013, ir-rikorrent, illi huwa Oftalmologu bi professjoni, kien Segretarju Parlamentari ghad-Drittijiet ta' Persuni b'Dizabbilta' u ghall-Anzjani fil-Gvern tal-gurnata illi kien gie elett f'Marzu tas-sena 2013.

Jirrizulta illi, sussegwentement ghall-kariga l-gdida illi kellu r-rikorrent fi hdan il-Gvern tal-gurnata, abbazi tal-Kodici tal-Etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari, ir-rikorrent kellu jieqaf milli jaghti s-servizzi tieghu fil-professjoni tieghu bhala Oftalmologu, sabiex ikun jista jiddedika l-hin tieghu ghax-xoghol tal-Gvern.

Jirrizulta, madanakollu, illi fit-3 ta' April 2013, fuq talba ta' l-istess rikorrent, il-Prim Ministru Dr Joseph Muscat kien fehem li l-ispecjalizazzjoni tar-rikorrent ma kienetx wahda daqstant abbundanti fil-pajjiz kif ukoll illi, f'kaz li r-rikorrent jieqaf jaghti s-servizzi professjonisti tieghu, dana seta kellu impat negattiv fuq in-nies li jkollhom bzonn kura, u ghalhekk kien awtorizza lir-rikorrent, minghajr precedenti ghal kazijiet ohra, sabiex ikompli jipprattika l-ispecjalizazzjoni tieghu, b'dan illi dan ma jfixkilx l-hidma tar-rikorrent bhala Segretarju Parlamentari.

Jirrizulta, skond ix-xhieda ta' l-istess rikorrent, illi l-hsieb tieghu kien illi, fuq periodu ta' sitt xhur, jaghmel 'handover' tal-klijenti privati illi huwa kellu filwaqt illi eventwalment izomm biss ix-xoghol illi huwa kien jaghmel gewwa l-Isptar t'Ghawdex u l-Isptar ta' Mater Dei.

Jirrizulta, madanakollu, illi l-fatt illi huwa kien ghadu qed jaghmel xoghol tal-professjoni tieghu, kemm privatament kif ukoll fl-Isptarijiet tal-gvern kien wassal ghal varji artikoli jinkitbu dwar tali fatt u, sussegwentement, fis-6 ta' Gunju 2013, wara diskussjoni illi huwa kellu mal-Prim Ministru in vista tal-pressjoni illi kienet qieghda ssir mill-mezzi tax-xandir, huwa gharraf lill-istess Prim Ministru illi kien ser jieqaf joffri s-servizzi tieghu fil-privat minnufih.

Jirrizulta illi, eventwalment, xhur wara illi gie ippubblikat l-artikolu meritu tal-kawza odierna, ir-rikorrent irrizenja l-kariga tieghu bhala Segretarju Parlamentari, f'Marzu 2014, u beda jaqdi s-servizzi tieghu bhala Oftalmologu fuq bazi 'full time' gewwa l-Isptar Ghawdex kif ukoll jippreseta servizzi privat f'Malta, filwaqt illi zamm il-kariga tieghu ta' Membru Parlamentari.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-artikolu meritu tal-kawza odjerna, il deher fil-gurnal Il-Mument, illi tieghu l-intimat kien l-editur registrat, illi l-bazi tal-artikolu kollu li wassal ghall-konkluzjonijet milhuqa mill-gazzetta kien il-fatt illi, fi spizerija gewwa Ghawdex illi fiha jinghataw servizzi ta' oftamologija, kien hemm isem ir-rikorrent indikat bhala wiehed mit-tobba illi jippresta servizzi fl-istess spizerija.

Jirrizulta illi dina l-ispizerija kienet attwalment l-ispizerija bl-isem 'Joseph Dispensing Opticians' illi tinsab gewwa Main Street, Rabat, Ghawdex, illi hija mmexxija minn Joseph Grech illi huwa wkoll oftalmologu.

Jirrizulta, skond ix-xhieda ta' l-istess Joseph Grech, illi r-rikorrent, illi kien ilu jara pazjenti gewwa Ghawdex sa mis-sena 1998, beda jippresta s-servizzi tiegu wkoll gewwa l-ispizerija ta' Joseph Grech mis-sena 2004.

Jirrizulta illi, bhalma jsir f'kull spizerija f'Malta u Ghawdex fejn varji professjonisti jipprovdu s-servizzi taghhom lill-pubbliku, l-ispizerija 'Joseph Dispensing Opticians' kellha tabella fejn turi l-varji professjonisti illi jpoggu u jaghtu s-servizzi taghhom lill-pubbliku, u fosthom kien hemm isem ir-rikorrent.

Jirrizulta, skond ix-xhieda ta' Joseph Grech, sid l-ispizerija 'Joseph Dispensing Opticians', illi r-rikorrent kien baqa' jippresta s-servizzi tieghu sa madwar gimghatejn qabel l-elezzjoni generali ta' Marzu 2013, wara liema data huwa qatt ma reggha ppresta servizzi hemm.

Jirrizulta, dejjem skond ix-xhieda ta' Joseph Grech, illi t-tabella tal-lista tat-tobba kienet parti mid-dizinn recenti illi l-istess Grech kien ghamel lill hanut, ghal liema tabella huwa kien resposabblli unikament, bhalma kien resposabbli ghall-ispizerija kollha. Ghalhekk, wara illi r-rikorrent ma baqax' joffri s-servizzi tieghu fl-ispizerija tieghu, Grech ma hax hsieb illi jnehhi isem ir-rikorrent minn tali tabella, stante illi ma ridtx ikerrah it-tabella. Madanakollu, wara illi harget l-istorja meritu tal-kawza odjerna, huwa pproceda sabiex inehhi isem ir-rikorrenti.

Jirrizulta, finalment, illi Joseph Grech ikkonferma illi r-rikorrent ma baqax jippresta s-servizzi tieghu fl-ispizerija tieghu u, kull meta kienu jcemplu nies biex jaghmlu appuntament mar-rikorrent, huwa kien jgharrafhom illi ma kienx qed jaghmel aktar appuntament hemm.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi d-difiza mqajjma mill-intimat fil-kawza odjerna hija dik illi ma kien hemm xejn libelluz fl-artikolu meritu tal-kawza odjerna peress illi l-artikolu kien kritika accettabbli f'socjeta demokratika fuq fatti sostanzjalment veri u fuq materja ta' interess pubbliku.

Il-Qorti, qabel xejn, tossserva illi r-rikorrent, bhala politiku ghandu jkun suggett ghall-livell ta' kritika ferm oghla minn dik ta' persuna privata. Kif intqal fis-sentenza **Ligens vs Austria**, mhaddna mill-Qorti Maltin ukoll:-

> *Freedom of the press furthermore affords the public one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of political leaders. More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention.*
>
> *The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art. 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues.*

Dwar id-difiza ta' 'fair comment', **Gatley on Libel and Slander** jghid is-segwenti,:

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Il-Qorti tosserva wkoll illi huwa fatt accettat illum il-gurnata illi d-"difiza" tal-"fair comment" dejjem kienet intiza sabiex tibbilancja dritt li hu daqstant importanti, ossija dak li individwu jipprotegi r-reputazzjoni tajba tieghu.

Di fatti, kif inghad minn Lord Justice Scott fil- kawza **Lyon v. Daily Telegraph**:

> *The right of fair comment is one of the fundamental rights of free speech and writing which are so dear to the British nation, and it is of vital importance to the rule of law on which we depend for our personal freedom.*

Fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta' April 2015, intqal illi:

> *dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-*

> *ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żeblieħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

Dwar il-kuncett ta' 'value judgment', il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-kawza **Jerusalem vs Austria** (2003) EHRR 567,para 43, tghid is-segwenti:

> *... even where a statement amounts to a value judgment, the proportionality of an interference may depend on whether there exists a sufficient factual basis for the impugned statement, since even a value judgment may be excessive if it has no factual basis to support it ."*

Ghaldaqstant, jirrizulta car mill-provi fuq imressqa, illi hemm sabiex id-difiza ta' 'fair comment' u 'value judgment' tirnexxi, irid jigi ppruvat illi dak allegat huwa bbazat fuq fatti sostanzjalment veri.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-artikolist tal-artikolu meritu tal-kawza odjerna, b'titolu b'tipi kbar, allega, fil-konfront tar-rikorrent, illi huwa kien qieghed "**jisfida u jibqa ghaddej bil-prattika privata**" tieghu, liema allegazzjoni saret diversi drabi fl-artikolu, fejn allega illi mhux biss kien qieghed *"jikser il-Kodici tal-Etika, izda wkoll jikser il-ftehim li ghandu mal-Prim Ministru billi jirreklama s-servizz professjonali fi spizerija privata f'Ghawdex".*

Jirrizulta illi l-bazi ta' tali allegazzjoni kienet il-fatt illi, fi spizerija, illi l-artikolist ma semmiex izda illi fil-mori tal-kawza irrizulta li jisimha 'Joseph Dispensing Opticians' kien hemm tabella ta' varji tobba illi jattendu f'din l-ispizerija, u fosthom kien hemm ukoll isem ir-rikorrenti.

Jirrizulta illi l-artikolist wasal ghal konkluzjoni illi, la darba kien hemm isem ir-rikorrent fuq tabella gewwa Spizerija, huwa ghalhekk kien qieghed jippresta s-servizzi tieghu gewwa tali spizerija u kien qieghed "jirreklama l-professjoni tieghu ghal servizzi fi klinika ta' spizerija privata".

Jirrizulta, madanakollu, illi l-artikolist, hekk kif kien qieghed jirredigi l-artikolu meritu tal-kaz odjern, allegatament baghat domandi lir-rikorrenti, liema domandi izda qatt ma gew ippresentati quddiem dina l-Qorti, ghal liema domandi l-intimat jallega illi r-rikorrent qatt ma rrisponda.

Jirrizulta, madanakollu, illi l-artikolist ma ghamel ebda tentattiv sabiex jivverifika l-konkluzjonijiet tieghu qabel ma ippubblikahom billi jivverifika ma' sid l-Ispizerija dwar jekk ir-rikorrent kienx qieghed jippresta servizzi professjonali tieghu gewwa din l-Ispizerija kif ukoll dwar ghaliex isem ir-rikorrent kien ghadu qieghed jidher fuq it-tabella ta' l-ispizerija.

Jirrizulta, di fatti, illi l-artikolist ma ghamel ebda tentattiv gurnalistiku sabiex jivverifika l-istorja tieghu u jissustanzjaha b'fatti certi u verifikabbli, izda ghadda biex jippubblika l-istorja odjerna u jaghmel asserzjonijet u allegazzjonijet fil-konfront tar-rikorrenti minghajr ebda tip ta' verifika.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi huwa fatt ben risaput illi l-varji professjonisti illi jrendu s-servizzi taghhom lill-pajjiz, minn zmien ghal zmien, bhala Membri tal-Parlament, ikunu gia qieghin jipprestaw is-servizzi professjonali taghhom, b'mod privat qabel ma' inghataw kariga pubblika, bhalma hija dik ta' Segretarju Parlamentari, lic-cittadin, u, bhala regola generali, isem ir-rikorrent ikun jidher jew mal-faccata tal-ufficju illi fih ikun qieghed jippresta s-servizz, jekk mhux fl-isem

tad-ditta innifisha illi fiha huwa jkun qieghed jippresta s-servizz – dana japplika, kemm ghat-tobba u avukati kif ukoll professjonisti ohra bhalma huma accountants u periti.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi huwa fatt ben risaput wkoll illi, meta professjonist jiehu dan il-pass illi jaghzel li joffri s-servizzi tieghu lic-cittadin u jigi elett Membru tal-Parlament u, sussegwentement, jinghata kariga pubblika fit-tmexxija tal-Gvern tal-gurnata, l-ahhar haga illi ghandu f'mohhu hija t-tabella illi tidher fuq barra tal-ufficju tieghu u jew fuq barra ta' l-ispizerija li fih huwa kien jaghti s-servizzi tieghu u t-tnehhija taghhom.

Il-Qorti, finalment, ma tistax ma tosservax illi, fil-kaz in ezami, hareg car mill-provi, illi r-rikorrent ma kien bl-ebda mod responsabli ghat-tabella illi abbazi taghha l-artikolist bena storja kontra r-rikorrent, izda tali tabella kienet saret minn persuna illi jgestixxi l-Ispizerija, illi ma kellu x'jaqsam xejn mar-rikorrent ghajr illi jipprovdilu post fejn ir-rikorrent kien jipprovdi s-servizzi tieghu qabel ma sar Segretarju Parlamentari.

Ghalhekk, kieku l-artikolist tal-artikolu meritu tal-kawza odjerna ghamel l-istharrig kollu necessarju u vverifika direttament ma' sid l-ispizerija, huwa kien ikun ben a korrent illi, a differenza ta' dak illi huwa allega fl-artikolu tieghu, r-rikorrent ma kien bl-ebda mod responsabbli ghat-tabella li abbazi taghha l-artikolist bena l-istorja kollha, u illi r-rikorrent ma kienx qieghed jippresta s-servizzi tieghu gewwa tali spizerija.

Jirrizulta, ghalhekk, illi ghalkemm l-intimat jishaq illi l-allegazzjonijiet tieghu kienu attwalment verifikabbli, tali verifiki ma ngabux, u ghalhekk d-difiza ta' "*fair comment*" minnu mressqa ma tissusistix stante illi dak minnu allegat ma jistax jitqiex bhala li huwa bbazat fuq fatti "*sostanzjalment veri*", kif tali difiza tenhtieg.

Kif gie osservat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza '**Sylvana Debono vs Alexander Farrugia**', deciza fis-27 ta' Jannar, 2016.

> *Id-dritt tal-liberta tal-espressjoni m'huwiex licenzja biex thammeg ir-reputazzjoni ta' haddiehor u mbaghad tipprova tistahba wara dan id- dritt.*

**Konkluzjoni**

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u

Wara illi rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tiddikjara l-**artikolu ippubblikat fil-gazzetta '**Il-Mument**', il-Hadd, 15 ta' Dicembru 2013, intitolat '*Franco Mercieca jisfida u jibqa ghaddej bil-prattika privata*' bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk

Tikkundanna lill-intimat, bhala editur tal-gazzetta Il-Mument fil 15 ta' Dicemrbu 2013, ihallas lir-rikorrent is-somma ta' Hamest elef Euro (€5,000) in linea ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Spejjez tal-proceduri odjerni u imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kollu a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur